TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 29 ta’ Ottubru 2015

Avviz Numru 7/2015

Bernardette Farrugia.

Vs

Giuseppe u Patrizia konjugi Piazzi

**It-Tribunal:-**

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fis- sitta (6) ta’ April tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu l-attur talbu illi l-konvenuti jigi kkundannati jhallsu is-somma ta’ elf sitt mija u disgha u sebghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€1679.31) rapprezentanti bilanc ta’ kont ta’ servizzi ta’ laundry rezi lilhom fuq in karigu taghhom. Dan bl-imghax u bl-ispejjes kif mitlub.

Ra’ r-risposta tal-konvenuti  fejn eccepew illi ld-domandi attrici kienu infondati fid-dritt u fil-fatt billi l-ammont mitlub huwa eccessiv kif ukoll l-ammont mitlub ma hux misthoqq minhabba diversi hsarat illi ghamlat l-attrici fuq il-hwejjeg mahsula fil-laundry taghha u kwindi kull ammont reklamat ghandu jigi pacut ma dawn id-danni.

Giet fil-fatt intavolata kontro talba mill-konvenuti fejn dawn talba likwidazzjoni ta’ danni allegatament sofferti minnhom fil-hwejjeg mahsula fil-laundry ta’ l-attrici .

Ghal din il-kontro talba l-attrici wiegbet illi dak reklament fil-kontra talba mhux minnu; u ma hemm l-ebda ammont dovut

Ra' l-atti kollha u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-6 ta'Ottubru 2015 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-unici provi li tressqu kienu jikkonsistu fix-xhieda ta' l-attrici u dik tal-konvenuta, dan apparti provi dokumentarji konsistenti fil-kont da parti ta' l-attrici u f'ritratti da parti tal-konvenuta.

Meta qies l-verzjonijiet moghtija, fuq il-bilanc tal-propabilita jidher bic-car illi l-verzjoni ta' l-attrici ghandha aktar mis-sewwa. Mhux eskluz illi xi darba grat xi hsara fuq xi bicciet izda t-Tribunal ma jemminx illi din il-hsara hi kbira daqs kemm pruvat tiggonfjha l-konvenuta. Dan it-Tribunal kellu l-opportunita li jara u jevalwa l-kompartament tal-partijiet fuq il-pedana tax-xhieda specjalment il-mod kif bdew jitwiegbu d-domandi. Ma jistax ma jsemmix certa ezitazzjoni fil-mod kif kienet qed tixhed il-konvenuta li ma tantx jaghmluha kredibbli. Hu notat illi hafna mir-ritratti huma repetizzjoni ta' ritratti ohrajn minn angoli differenti jew l-istess bicca drapp ta' taht fuq.

Il-konvenuta tallega illi l-hsara iggarbet tul iz-zmien li hija ghamlet tuza s-servizzi ta' l-attrici. Allura l-mistoqsija li tohrog wehidha hija, jekk verament l-konventua kienet urtata bis-servizzi ta' l-attrici ghaliex baqghet tuzha xorta wahda?

Ir-rispsosta li taghti l-konvenuti hija li ma kienx hawn laundry ohra f'Ghawdex apparti dik ta' l-attrici. Risposta inveritiera u redikola, u li tkompli titfa dell fuq il-kredibilita tal-konvenuta.

Minn dak li ra' dan it-Tribunal fir-ritratti esebiti l-hsarat allegati huma zghar u mhux kif qed tipprova taghti xi impressjoni l-konvenuta. Arbitrio boni viri dan it-Tribunal jistma dawn il-hsarat fis-somma ta' mija u hamsin Ewro (€ 150) liema somma ghandha titnaqqas minn dak li ghandha tiehu l-attrici.

Dan it-Tribunal ma jarax l-utilita li kellha ssir l-kontro talba ghal dan. L-eccezzjonijiet kienu sufficenti u biz-zejjed biex jindirizzaw il-lamenteli tal-konvenuti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in parti t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti flimkien u solidament bejniethom ihallsu lill-attrici s-somma ta' elf hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 1529.31) bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficcjali tad-29 ta' Awissu 2014 il-quddiem. Fic-cirkostanzi jichad it-talbiet kollha mressqa fil-kontro talba salv ghas-somma ta' mija u

hamsin Ewro (€ 150) li giet mnaqqsa mill-ammont pretiz fit-talba. L-ispejjes tat-talba jinqasmu kwantu ghal 1/8 minn l-attrici u 7/8 mill-konvenuti, filwaqt li dawk relatati mal-kontro talba jkunu kollha a kariku tal-konvenuti.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur